# *Tazzi u Maskli mill-Passat.*

**Anton Farrugia B. Ed. (Hons)**




*F'dan ir-ritratt jidhru tazzi taż-żejt differenti, kif ukoll żewġ maskli tal-ħadid. Iċ–ċimblor li kien jintuża ġot-tazzi taż–żejt jidher quddiem il-maskli.*

Meta wieħed jieqaf u jħares ftit lura, aktarx jinħasad meta jintebaħ f'daqqa kemm il-progress ibiddel il-mezzi u d-drawwiet li bihom ngħixu l-ħajja tagħna ta' kuljum. Għal dawk li joqogħdu f'irħula li kienu aktarx iżolati, dan il-progress forsi ħakem iżjed bil-mod, iżda llum id-differenza bejn raħal u belt naqset sewwa u qbadna t-triq li ser twassal għal Malta raħal/belt globali mingħajr fruntieri u distinzjonijiet.

Dawk imdaħħlin sewwa fiż-żmien, jiftakru l-ħajja li kienu jgħixu n-nanniet tagħna fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, jiftakru wkoll il-festi li kienu jagħmlu u kif kienu jiċċelebrawhom. Aħna mbagħad forsi nikkonkludu li l-progress ħalla l-marki ċari tiegħu anke fuq il-festi; attivitajiet li min-natura tagħhom huma purament marbutin mat-tradizzjoni storika u folkloristika.

Nieħdu mill-mixegħla tat-tazzi taż-żejt fil-festi ta' dari. Qabel l-introduzzjoni tad-dawl elettriku, fl-Imqabba, bħal fl-irħula l-oħra, għall-illuminazzjoni kienu jintużaw tazzi żgħar ta' ħġieġ oħxon u mlewwen. Dawn kienu jimtlew biż-żejt u jinxtegħlu waħda waħda. Ġo dawn it-tazzi mbagħad kien jitpoġġa "ċ-ċimblor", trepied żgħir tal-landa li kien iserraħ fuq qiegħ it-tazza u jżomm il-ftila wieqfa ġoż-żejt.

L-armar ta' dawn it-tazzi kien xogħol għal min ma jistkerraħx it-tixbit fl-għoli, għax f'kull festa mijiet ta' tazzi taż-żejt kienu jiddendlu mal-knejjes, jintlew biż-żejt u mbagħad jinxtegħlu permezz ta' ħbula, slielem, u speċi ta' kitla tal-landa mimlija b'taħlita ta' żejt u pitrolju u bi ftila ħierġa miż-żennuna.

Bir-riħ u x-xita kienu ta' spiss jintfew numru kbir ta' tazzi u dawn kien ikollhom jinxtegħlu mill-ġdid. Iżda minkejja dawn l-iżvantaġġi li seta' kellhom, id-dehra tpetpet ta' dik il-mixegħla kkulurita żgur li kienet tkun xi ħaġa ferm impressjonanti.

Sistema antika oħra li llum m'għadhiex tintuża kienet dik tal-"maskli" tal-logħob tan-nar. Għall-ħruq ta' tiri li llum jissejħu 'murtali tal-bomba' kienu jiġu utilizzati reċipjenti tal-ħadid jew tal-bronż f'għamla rettangolari. Fin-nofs kien ikun hemm toqba tawwalija fejn jitpoġġa l-porvli u minn toqba rqiqa oħra fil-ġenb kienet toħroġ il-miċċa li minnha kien jingħata n-nar.

Waqt illi l-maskli ż-żgħar tal-ħadid li kienu pjuttost raffi, kienu jsiru lokalment, ġieli ġew impurtati minn barra minn Malta, maskli tal-bronz kbar f'għamla ta' buqar bil-widna (sett minnhom jinsab fil-mużew tal-Folklor, fiċ-Ċitadella f'Għawdex). Dawn kienu jkunu aktar raffinati u naturalment kienu jesgħu aktar materjal splussiv.

Biex jinħoloq l-effett ta' kaxxa nfernali permezz ta' dawn il-maskli, kienu jitpoġġew ma' ġenb xulxin f'distanzi mkejla apposta biex mal-ħruq joħolqu r-ritmu ta' sparaturi mixtieqa.

Illum tbiegħdna mhux ftit minn dawn il-mezzi li l-antenati tagħna kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiċċelebraw u joħolqu atmosfera festiva. Illum kemm fl-armar kif ukoll fin-nar iddaħħlu sistemi ġodda aktar mekkanizzati, li jippermettu li kollox isir bi kwantitajiet akbar. Dan ma jfissirx illi b'daqshekk il-festi saru aħjar jew inkella agħar. Aktarx li fuq medda daqshekk mifruxin ta' snin, ma tistax tagħmel paraguni ġusti. Wieħed iżda ta' min jistaqsi x'kien jikkummenta Sir Harry Luke illi għal tmien snin kien Lieutenant-Governor tal-gżejjer Maltin. Dan il-kittieb żar ħafna festi Maltin. Dan li ġej huma l-kummenti tiegħu dwar il-festa Maltija ta' l-antik:

> *"... On the annual festa, the local saint's day, ... they give themselves up wholeheartedly to rejoicings, which are definitely on the noisy side. For they are punctuated by the explosions of crackers, maroons and every procurable form of noise-producing apparatus, and they are illuminated by ingenious, locally made fireworks ...."*
>
> *(Malta: An Account and Appreciation p. 224)*

Li kellu jżurna llum u jara l-festi ta' żmienna jgħid l-istess? Inaqqas? Iżid? Min jaf!